# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru   24**

**Avviz  numru      1775/99/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Inter Finance Ltd. sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Inter Finance Ltd.**

**vs**

**Paul Madiona**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat t-3 ta' Dicembru ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta` attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u sitta Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM306.71,0), rappresentanti danni kagunati**

**minnu f'incident awtomobilistiku tas-27 ta' Lulju 1998 gewwa Triq il-Gzira, Gzira, bejn il-vettura numru BAF 448 misjuqa minnu u l-vettura numru IBA 765 misjuqa minn David Curmi u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta` attrici, liema incident gara unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, iperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

2. **Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Mejju ta' l-1998, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 ta' Dicembru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-esponenti mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni u m'ghandu jbati ebda spejjes allegatament inkorsi mill-atturi; fil-fatt, meta gara l-incident huwa kien wieqaf u kien is-sewwieq tal-vettura tad-ditta attrici li, bi traskuragni u negligenza, dar kantuniera u baqa' diehel f'karozza ohra li kienet ipparkjata;**

2. **Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentant legali tal-konvenut, bir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici nomine jaghzel li ma jaffetwax apparizzjoni;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tat-8.00 a.m. tas-27 ta' Lulju ta' l-1998 fi Triq il-Gzira, il-Gzira;**

**2. Illi meta l-assikurat tas-socjeta` attrici dahal fl-imsemmija triq bil-vettura tieghu tal-marka Volkswagon Polo bin-numru ta' registrazzjoni IBA –765 baqa' diehel fuq il-vettura proprjeta' tal-konvenut tal-marka Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni BAF-448 liema vettura kienet ipparkjata fuq il-bankina, (ara fol 26);**

**3. Illi peress s-socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurat taghha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li ghall-kuntrarju ta' dak allegat fl-avviz promotur il-vettura tal-konvenut ma kienitx qed tigi misjuqa izda kienet stazzjonarja nofsha fuq il-bankina;**

**Illi l-agent attiv li kkaguna l-incident de quo kien ghalhekk l-assikurat tas-socjeta' attrici nomine li stante l-fatti kif irrizultaw jibqa' b'obbligu li jzomm il-"proper look out" u juza l-vettura tieghu dejjem bi prudenza biex filwaqt li jkun dejjem fil-kontroll jkun jista' jiehu dik l-azzjoni diversiva ritenuta necessarja b'tempestivita' biex jevita` incidenti inutili;**

**Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici tiddikjara lill-konvenut Paul Madiona mhux responsabbli ghall-incident de quo u konsegwentement tichad l-istess talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**